**l-Gimgha 17 ta' Mejju, 2002**

# Rotazzjoni konvenjenti

Is-sistema ta' rotazzjoni tal-Presidenza tal-Kummissjoni Ewropea hija sistema li s'issa dejjem giet applikata bejn il-membri ta' l-Unjoni Ewropea u taghti l-jedd lil kwalunkwe stat f'xi hin jew iehor li jippresjedi lil din l-istituzzjoni. Hija sistema li biha jinthalaq l-ghan li kull pajjiz, hu x'inhu l-kobor tieghu, ikollu l-presidenza ta' din l-istituzzjoni hekk importanti. S'issa kollox mexa arlogg.

Din is-sistema hija wkoll proposta f'Unjoni gdida wara li jsehh it-tkabbir. F'artikli tal-passat kemm il-darba ghedt li ghalkemm sistema bhal din tista' tidher li hija l-iktar u forsi l-unika sistema demokratika li biha tista' titmexxa l-presidenza ta' l-Unjoni – bhal kwalunkwi sistema ohra, pero', jista' xorta wahda jsir manipular taghha skond l-esigenzi ta' certi stati u mhux ohrajn.

L-effetti tat-toqba fis-sistema tar-rotazzjoni issa jidhru li se jigu fis-sehh, mhux necessarjament biex isir xi abbuz, jew inkella biex jigu mrazzna l-veduti ta' xi stat li mhux jaqbel ma xi haga, izda biex tigi akkomodata s-sitwazzjoni finanzjarja Germaniza li bhalissa hija wahda mwieghra.

It-toqba mhi xejn hlief li m'hemm xejn xi jzomm stat milli jiftiehem ma' l-iehor li jibdlu l-perjodu tal-presidenza bejniethom. Fil-fatt, dan l-ahhar sar maghruf li l-Germanja, li kellha tippresjedi fuq il-Kummissjoni fl-ahhar sitt xhur ta' l-2006 bidlet il-perjodu taghha mal-Finlandja li kelha tippresjedi fl-ewwel nofs ta' l-2007. Dan seta' jigri biss ghal-fatt li l-Kancillier Germaniz Gerhard Schroeder u l-Prim Ministru Finlandiz Paavo Lipponen iltaqghu bejniethom ghal diskussjonijiet u ddecidew li jbdlu l-presidenzi taghhom wahedhom. Ovvjament, l-ebda mekkanizmu ma jezisti jekk f'kazijiet bhal dawn stat ohra jistghux iwaqqfu lil dawn iz-zewg stati l-ohra milli jaghmlu dan.

Il-mottiv wara l-bidla fil-presidenza min-naha tal-Germanja jidher li huwa wiehed finanzjarju. B'din il-mossa l-Germanja se tkun f'pozizzjoni ahjar biex taghmel pressjoni halli jittiehed vot favorevoli ghaliha fi hdan il-Kummissjoni. Il-Germanja, li ghandha l-interessi partikolari taghha, trid li ma jkollhiex id-doveri taghha ta' presidenza tal-Kummissjoni halli, minkejja l-fatt li suppost huma l-interessi kollettivi tal-membri kollha ta' l-Unjoni li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni f'decizjonijiet (f'dan il-kaz finanzjarji), minn postha fil-Kummissjoni izda minghajr il-piz tal-presidenza tkun tista' tissikka politika li tabqel ma' l-interessi nazzjonali taghha.

L-ghan ewlieni tal-Germanja f'din il-mossa huma li ma jigix ripetut ghal darb'ohra dak li gara – li l-Germanja minhabba li nzertat fil-presidenza tal-Kummissjoni, kellha thares lejn l-interessi komuni ta' l-istati u tabbanduna l-interessi finanzjarji nazzjonali taghha. Ta' min wiehed isemmi wkoll li, billi l-Germanja ghaddejja minn zminijiet difficli finanzjarji tezisti oppozizzjoni shiha ghall-kontribut finanzjarju qawwi li biha taghti lill-budget Ewropew li l-Germanizi jhossu, qieghed ikompli jxekkel lill-ekonomija Germaniza interna.

Huwa mahsub li f'pozizzjoni mhix ta' presidenza l-Germanja se taghmel hilitha beix tnaqqas l-obbligi taghha lejn il-budget Ewropew u ovvjament tpoggi fuq quddiem l-interess nazzjonali.

Mozzi bhal dawn ma jaghmlu xejn hief juru kemm ghalkemm l-istituzzjonijiet Ewropej iktar milli msejsa fuq lealta' lejn l-Unjoni huma msejsa fuq l-interessi nazzjonali ghalkemm mistura wara l-velu tas-supranazzjonalizmu.

Li nara nkwetanti f'dan kollu pero' mhux li l-istat individwali jipprotegi l-interessi partikolari, tieghu, izda li dan il-velu ta' eroizmu supranazzjonali dejjem jigi minfuh f'ghajnejn il-popli bhala l-ikbar success ta' l-Unjoni mentri dak li qieghed jostor warajh, il-wicc li ma jintaghrafx, huwa minsi u mnessi.  U l-loghba tac-cess b'attakk u difiza tkompli.

Eeh!  Kif qisni kont naf! Ir-rota dejjem id-dur izda xi kultant, billi naqbzu xi sinna ghall-konvenjenza, l-arlogg xorti jimxi!